DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1803

tat-8 ta' Ottubru 2021

li tistabbilixxi l-ammonti proviżorji allokati lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-ammont minimu ta' appoġġ għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali

(notifikata bid-dokument C(2021) 7330)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jiġi stabbilit il-qafas finanzjarju għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-ammonti proviżorji allokati lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1755, kif ukoll l-ammont minimu ta' riżorsi li għandhom jintefqu f'konformità mal-Artikolu 4(4) ta' dak ir-Regolament.

(2) Għal raġunijiet ta' programmazzjoni, l-ammonti provviżorji globali allokati lil kull Stat Membru għandhom jingħataw fi prezzijiet attwali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammonti proviżorji allokati lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-ammont minimu ta' appoġġ li għandu jintefaq skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2021/1755, huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Elisa FERREIRA
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1.

ANNESS

Ammonti proviżorji allokati lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-ammont minimu ta' appoġġ għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali, fi prezzijiet attwali (EUR)

Stat Membru	Ammont relatat mal-fatturi msemmija fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1755			Allokazzjoni proviżorja totali	Ammont minimu li għandu jintefaq skont l-Artikolu 4(4) għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali
	Kummerċ fi prodotti u servizzi mar-Renju Unit	Ħut maqbud fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tar-Renju Unit	Reġjuni tal-fruntieri marittimi mar-Renju Unit		
BE - il-Belġju	316 706 222	57 189 523	12 678 212	386 573 957	27 060 177
BG - il-Bulgarija	15 372 864			15 372 864	
CZ - iċ-Ċekja	54 918 029			54 918 029	
DK - id-Danimarka	117 758 311	157 240 967		274 999 278	19 249 949
DE - il-Ġermanja	601 249 670	45 350 387		646 600 057	22 675 194
EE - l-Estonja	6 615 616			6 615 616	
IE - l-Irlanda	981 398 620	111 246 161	72 557 344	1 165 202 125	55 623 080
EL - il-Greċja	38 631 153			38 631 153	
ES - Spanja	268 490 849	3 956 201		272 447 050	
FR - Franza	451 211 542	132 283 310	152 056 411	735 551 263	51 488 588
HR - il-Kroazja	7 190 532			7 190 532	
IT - L-Italja	146 769 412			146 769 412	
CY - Ċipru	52 056 350			52 056 350	
LV - il-Latvja	10 946 343			10 946 343	
LT - il-Litwanja	12 154 122	30 451		12 184 573	
LU - il-Lussemburgu	128 475 124			128 475 124	
HU - l-Ungerija	57 157 852			57 157 852	
MT - F'Malta	44 322 261			44 322 261	
NL - in-Netherlands	710 099 858	139 984 996	36 229 783	886 314 637	62 042 025
AT - l-Awstrija	27 711 512			27 711 512	
PL - il-Polonja	172 161 964	1 471 297		173 633 261	
PT - il-Portugall	81 358 331	28		81 358 359	
RO - ir-Rumanija	43 162 623			43 162 623	
SI - is-Slovenja	5 257 380			5 257 380	
SK - is-Slovakkja	36 307 747			36 307 747	
FI - il-Finlandja	23 242 037			23 242 037	
SE - l-Iżvezja	129 734 726	7 698 879		137 433 605	
Total UE27	**4 540 461 050**	**656 452 200**	**273 521 750**	**5 470 435 000**	**238 139 013**